# KNEJJES U KAPPELLI DEDIKATI LID-DULURI

Is-santwarju tad-Duluri gewwa Castelpetroso,
Isernia, Molise,
Italja.

Fil-jiem tat-22 ta' Marzu u l-1 ta' April tas-sena 1888, il-Vergni Marija dehret lil zewg kampanjoli Bibiana u Serafino. Hija dehritilhom thares lejn is-sema b'wicc ta' dieqa u kienet gharkubtejha hdejn binha mejjet. Minn dak iz-zmien id-dehriet kienu irregulari pero' f'numru kbir sas-sena 1970 u hafna kienu li raw il-vergni imbierka. Imma zewg dehriet importanti dejjem fis-sena 1888 huma l-qofol ta' kollox.



Fis-26 ta' Settembru l-isqof mons Francesco Palmieri Macarone minn Bojano, delegat tal-Papa Ljun XIII ghamel zjara li dan il-post tad-dehriet u lilu wkoll Marija Ssma dehret b'dan il-mod ta' dieqa - l-omm tat-tbatija.

L-ewwel miraklu sehh meta f'Novembru tas-sena 1888 Carlo Acquaderni, gurnalista minn Bolonja, ghamel vizta lil Cstelpetroso flimkien ma' ibnu ta' tnax-il sena marid bit-turbokolosi fl-ghadam. F'dik l-okazzjoni kemm il-missier kif ukoll ibnu kellhom ix-xorti li jaraw lil vergni mbierka u ibnu Awgusto fieq bl-ilma li hareg minn ghajn ta' ilma u li ghadu hiereg sal-lum. Il-gurnalista b'radd il-hajr ghal dan il-miraklu svela pjan fuq il-gurnal "il-Qaddej ta' Marija" biex jibni knisja f'gieh il-Vergni Addolorata.

Dan it-tempju dam jimbena 100 sena. Fis-sena 1931 l-isqof Albertoa Romita waqqaf orfanatrofju hdejn is-Santwarju. L-ghan ta' l-ilma li harget b'mod mirakoluz giet konservata billi mbniet kappella u tul it-trieq li tiehdok lejn is-santwarju imbnew is-seba' stazzjonijiet tad-duluri.

F'Dicembru 6, tas-sena 1973 fuq talba ta' l-isqfijiet ta' Molise, il-Papa Pawlu VI ipproklama il-Vergni Mbierka Addolorata ta' Castelpetroso bhala il-patruna femminili tar-regjun. Finalment is-Santwarju l-gdid gie nawgurat fil-21 ta' Settembru 1975 minn Mons Alberto Carinci limiet fis-sena 1983 u gie midfun fis-santwarju taht it-tron ta' l-Addolorata. Fid-19 ta' Marzu 1995 il-Papa Gwann Pawlu II zar danis-Santwarju li mis-sena 1993 gie afdat f'idejn il-Frangiskani ta' l-Immakulata. Dan hu ordni gdid li twaqqaf biex jghix skond ir-regoli original ital-frangiskani fuq il-Mudell ta' San Massimiljanu Kolbe.

